# Il-werrej

Id-Daħla .......... 5
A. L-Introduzzjoni: Il-Femminiżmu u l-Letteratura .......... 9
B. L-Analiżi tal-Poeżiji .......... 12
1. Il-mara tal-vistu .......... 13
2. Il-magħmudija ta' binti .......... 16
3. Ballun tal-ġilda .......... 21
4. It-tfal tal-ħarifa .......... 25
5. Ġurnata l-baħar .......... 29
6. Stajt xtaqt .......... 32
7. Magħmul .......... 36
8. Imħabbtek bħall-mewġ .......... 39
9. Ġinekoloġija .......... 42
10. Jum il-mejtin .......... 45
11. Qbadtni mmiss il-kotba tiegħek .......... 48
12. Ħajjitna mergħa ħadra f'nofs il-belt .......... 51
13. Jekk xi darba titlef sajf .......... 54
14. Bewsa .......... 57
15. Ħija li qatt ma kelli .......... 60
16. Oasi fid-deżert tal-Arizona .......... 64
17. Rajtek darba .......... 68
18. Bejn tnejn .......... 72
19. Poeta, toħlomx .......... 77
20. Jekk tħobbni, niktiblek poeżija .......... 83

Ċ. Eżempji ta' Titli tal-Komponiment Letterarju .......... 89

D. Glossarju ta' Termini Letterarji .......... 93

E. Il-Bibljografija .......... 101

# Id-Daħla

Dan l-istudju kritiku jista' jkun ta' għajnuna għall-istudenti u għal-letturi li qegħdin jistudjaw is-sett ta' għoxrin poeżija ta' Simone Galea bi preparazzjoni għall-eżami tal-MATSEC fil-livell avvanzat u fil-livell intermedju. Mill-banda l-oħra, dan il-ktejjeb jista' jkun ukoll għodda utli għal kull min irid japprofondixxi l-apprezzament letterarju tal-poeżija ta' Galea.

X'ma jagħmilx dan il-ktejjeb? Dan il-ktejjeb ma jagħmilx xogħol l-istudenti; intenzjonalment, hawn mhumiex se jsibu komponiment-mudell lest u lanqas se jimponi kkategorizzar riġidu tal-poeżiji f'temi speċifiċi. Dan l-istudju sempliċement jgħin lill-istudenti billi jipprovdi interpretazzjoni addizzjonali ta' kull poeżija, idealment wara li huma jkunu studjaw il-poeżiji waħedhom jew mal-letturi tagħhom. Imbagħad jitħalla kompletament f'idejn l-istudenti biex jagħrfu kif jiktbu komponiment letterarju fejn iqabblu b'għaqal il-poeżiji flimkien skont it-tema li dwarha jiġu mitluba jiktbu.

L-ewwel taqsima tal-ktejjeb tintroduċi lill-istudenti mal-kunċett tal-Femminiżmu u kif dan influwenza l-kitba tal-letteratura. It-tieni taqsima toffri analiżi dettaljata ta' kull poeżija u wkoll opportunità konkreta sabiex l-istudenti jitħarrġu fil-kritika letterarja billi jirriflettu fuq mistoqsija u jniżżlu xi noti personali; b'dan il-mod, fl-istess ktejjeb l-istudenti ma jkollhomx biss l-interpretazzjoni lesta imma jkunu żiedu dik tagħhom ukoll. Wara dan l-eżerċizzju,

l-istudenti jistgħu jsibu wkoll eżempju ta' kif l-analiżi ta' poeżija partikolari tista' tiġi amalgamata ma' dik ta' poeżija oħra billi jiġu identifikati elementi ta' xebh u ta' kuntrast bejn żewġ poeżiji jew aktar; dan jgħin bis-sħiħ lill-istudenti biex jitgħallmu kif għall-esej tal-kritika li se jintalbu jiktbu fl-eżami tal-MATSEC. It-tielet taqsima sservi biex tħarreġ lill-istudenti permezz ta' eżempji ta' titli li jgħinu fil-prattika tal-kitba tal-komponiment. Wara din il-parti hemm lista ta' termini letterarji b'definizzjoni qasira li tista' tkun utli waqt l-analiżi kritika mill-qrib tal-poeżiji ta' Galea.

Matul l-ispjega ta' kull poeżija ġew inklużi fil-virgoletti u b'tipa skura għadd ta' kwotazzjonijiet meħudin direttament mill-poeżiji ta' Galea. Apparti li dawn se jservu ta' mudell ta' kif għandek iddaħħal il-kwotazzjonijiet fl-argumenti miktuba tiegħek, il-fatt li huma miktubin b'tipa skura se jgħin biex inti tirreferi malajr għal versi partikolari waqt l-istudju tiegħek. Tajjeb li tinnota li l-kwotazzjonijiet meħudin mill-ħames poeżiji tal-poeti rġiel li tiddjaloga magħhom Galea fis-sezzjoni tal-ktieb tagħha intitolata "Xi drabi mqar poeta", huma miktubin b'tipa normali (li mhijiex skura) ħalli tiġi evitata l-konfużjoni mal-kwotazzjonijiet tal-poeżiji ta' Galea. Se tinnota wkoll li t-termini letterarji huma miktubin bil-griż flok bl-iswed; għalkemm ħafna minnhom inti diġà taf xi jfissru, tista' xorta waħda tiċċekkja xi jfissru dawk it-termini li m'intix daqshekk ċert jew ċerta minnhom billi tfittixhom fil-glossarju inkluż lejn l-aħħar ta' dan il-ktejjeb stess.

In-numru tal-paġna indikat maġenb kull titlu tal-poeżiji fit-tieni taqsima jirreferi għan-numru tal-paġna fil-ġabra ta' poeżiji *Xi drabi mqar persuna* ppubblikat mill-Klabb Kotba Maltin fl-2011. Tajjeb li tinnota wkoll li għall-konvenjenza

tiegħek u għall-fini ta' studju kritiku aktar profond, mal-analiżi tal-aħħar ħames poeżiji, jiġifieri dawk li fihom il-poeżija ta' Galea tiddjaloga mal-poeżija ta' poeti rġiel, ġew inklużi l-ħames poeżiji nfushom ta' dawn il-poeti. B'dan il-mod tkun tista' taqra hawnhekk il-poeżija ta' Achille Mizzi, Ġorġ Borg, Marjanu Vella, Ružar Briffa u Victor Fenech biex tifhem aħjar ir-reazzjoni poetika ta' Simone Galea għal dak li esprimew f'xogħlijiethom.

# A. L-Introduzzjoni: Il-Femminiżmu u l-Letteratura

Qabel tgħaddi għall-qari tal-kummentarju kritiku tal-poeżiji ta' Simone Galea tajjeb li ssir midħla ta' dan il-moviment internazzjonali li influwenza diversi ħassieba u kittieba bħal Galea. It-terminu "Femminiżmu" huwa derivat mill-kelma Latina "femina" li tfisser "mara" u l-ewwel intuża fil-kuntest tal-kwistjonijiet dwar l-ugwaljanza u l-Moviment tad-Drittijiet tan-Nisa. Il-Femminiżmu spiss ħaddan il-protesta kontra r-restrizzjonijiet legali, ekonomiċi u soċjali li matul is-snin ħonqu d-drittijiet bażiċi tan-nisa madwar id-dinja. It-terminu "Femminiżmu" nnifsu jintuża biex jiddeskrivi moviment kulturali, politiku jew ekonomiku li jimmira għal drittijiet ugwali kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel. Minkejja li l-inġustizzji sesswali ilhom iseħħu eluf ta' snin, it-termini "Femminiżmu" u "Femminista" bdew jintużaw l-aktar mis-snin sebgħin tas-seklu 20 'il quddiem.

Il-moviment Femminista jinvolvi teoriji soċjoloġiċi u politiċi li jikkonċernaw kwistjonijiet ta' differenza bejn is-sessi. Il-Femminiżmu huwa moviment influwenzat mill-ideat ta' ħassieba u awturi bħal Alice Walker, Naomi Littlebear,

Judith Felterbey, Michele Wallace, Lillian Smith, Elaine Showalter, Simone de Beauvoir, Kate Millett, Toril Moi, Luce Irigaray, Hélène Cixous u oħrajn.

Toril Moi użat it-terminu "post-Femminiżmu" biex tkopri l-forom differenti tal-Femminiżmu preżenti llum. Il-Femministi post-Moderni joqogħdu attenti għad-definizzjonijiet ta' kull tip. "Femminiżmu" huwa terminu wiesa' li jkopri firxa ta' fehmiet dwar inġustizzji kontra n-nisa. Id-diskors Femminista jissejjes fuq it-twemmin li n-nisa huma oppressi jew żvantaġġati meta mqabbla mal-irġiel u li din l-oppressjoni tagħhom hija b'xi mod illeġittima jew mhux ġustifikata. Taħt il-kappa ta' din il-karatterizzazzjoni ġenerali hemm, madankollu, bosta interpretazzjonijiet tan-nisa u l-oppressjoni tagħhom, tant li huwa żball li wieħed jaħseb dwar il-Femminiżmu bħala duttrina filosofika waħda, jew bħala programm politiku li jaqblu miegħu l-Femministi kollha. Minkejja li l-Femministi mhux dejjem jaqblu fuq id-definizzjonijiet u dwar liema aspetti għandhom jiffukaw l-aktar fuqhom, huma jibqgħu jimpenjaw irwieħhom biex iġibu bidla soċjali bit-tama li xi darba tintemm l-inġustizzja kontra n-nisa.

It-teorija Femminista kompliet tiżviluppa matul is-snin anke f'pajjiżna. Simone Galea nnifisha, li hija Professur tal-Filosofija u tat-Teorija tal-Edukazzjoni fl-Università ta' Malta, ikkontribwiet għat-teorija Femminista permezz ta' studji akkademiċi bħal "A place called home. Women and philosophy of education" fejn tiddiskuti l-parteċipazzjoni attiva tan-nisa fil-filosofija tal-edukazzjoni. Hawn hija tqajjem mistoqsijiet politiċi u etiċi importanti marbutin mal-post tan-nisa fil-filosofija tal-edukazzjoni u tesplora kif

id-differenza sesswali tista' taġġorna l-prinċipji tradizzjonali tal-filosofija.

Lokalment, il-kawża Femminista influwenzat ukoll il-kitba tal-letteratura. Il-letteratura Maltija b'tendenzi Femministi bdiet permezz ta' żewġ esponenti ewlenin tal-letteratura lokali: Doreen Micallef u warajha, Maria Grech Ganado. Poeti nisa oħrajn komplew jibnu fuq din it-tradizzjoni letterarja relattivament ġdida għal pajjiżna; fost dawn hemm Simone Inguanez, Nadia Mifsud u proprju Simone Galea li hawnhekk se ssib analiżi kritika ta' 20 mill-poeżiji tagħha b'xi wħud minnhom li jmissu mill-qrib din it-tematika.

## B. L-Analiżi tal-Poeżiji

**Nota fuq l-Istil:**

Il-poeżiji ta' Galea huma miktuba primarjament bil-vers ħieles (ħlief għal eċċezzjoni waħda meta intenzjonalment imitat stilistikament il-poeżija ta' Ġorġ Borg miktuba bi stil tradizzjonali). Apparti l-metrika, anke l-lingwaġġ u l-lessiku użat minn Galea biex tesprimi ruħha poetikament jixhdu li hija poetessa kontemporanja li tuża b'sens ta' libertà l-lingwa Maltija tal-lum, ħielsa mill-kliem arkajku u pedantiku. Għalkemm l-istil tagħha huwa influwenzat mill-moviment Modernista, dan huwa stil aktar sempliċi u dirett minn dak ta' diversi poeti tas-sittinijiet. Nistgħu ngħidu li Galea, imwielda fl-1967, hija poetessa post-Modernista peress li kienet attiva letterarjament wara l-era Modernista f'Malta. Madankollu, x'aktarx li nkunu aktar preċiżi jekk inqisuha bħala esponent attiv tal-letteratura Postnazzjonali jew Kożmopolita li bdiet tinkiteb fis-snin disgħin tas-seklu 20, mhux biss minħabba l-istil aġġornat li taddotta Galea imma anke minħabba li l-ġabra poetika *Xi drabi*